MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2084/2002

**Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Vs**

**Saviour Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm112.32c (mija u tnax il-lira Maltin u tnejn u tletin centezmu) rappresentanti Ghajnuna Socjali.

Illi fil-perjodu bejn is-27 ta' Gunju, 1997 u d-19 ta' Settembru, 1997 il-konvenut ircieva beneficcju tal-qaghad.

Illi ghalkemm gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas, huwa baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali nkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru, 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata fid-9 ta' Mejju, 2003 li permezz taghha d-Direttur tas-Sigurta' Socjali rriduca t-talba ghal Lm108.28c (mija u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) stante illi dan l-ammont tnaqqas minn beneficcji li kien qed jircievi.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici fl-ammont ta' Lm108.28c (mija u tmien liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu), kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------